# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru ħamsa u sebgħin (57) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn 24 ta' Mejju, 2010, fis-6:00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

**Aġġudikazzjoni ta' Tender tal-PV system**

2. Daħal l-Ingineer Galea fil-laqgħa sabiex jispjega r-rapport tekniku li ipprepara dwar l-evalwazjoni u l-aġġudikazzjoni ta' tender tal-*PV system* kif wkoll jwieġeb għal xi kjarifiki mitluba mil-Kunsilliera. L-Inġinier spjega li l-Kumpanija Panta Marketing Limited issuplixxiet l-irħas pannella kemm bħala prezz globali kif wkoll meta tikkunsidra l-units ta' kull KwP. Is-SE staqsa jekk il-Kunsill jistax iżid il-pannelli sabiex jagħmel użu mil-fondi kollha disponibbli. L-Inġinier ser jikkuntatja lil din il-Kumpanija sabiex iġib stima f'dan ir-rigward kif wkoll id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex jara jekk il-Kunsill jistax jagħżel sistema akbar minn dik rikjesta fit-tender. L-Inġinier ikkonferma wkoll li l-panella għanda garanzija ta' 25 sena u li l-effiċjenza ma taqax taħt 80%. L-inverter għandu garanzija ta' 5 snin. L-Inginier irringrazzja lil Kunsill u ħareġ mil-laqgħa.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mil-Minuti**

4. Publius Abdilla irrimarka li f'Triq ta' l-Ajżar hemm linja safra quddiem post mhux mibni peress li qabel kien hemm garage. B'hekk din il-linja safra issa trid titneħħa għaliex il-garage ma għadux hemm.

5. Jerome Busuttil qal li iltaqa’ mar-restawratur ta’ l-istatwi u żaru kull niċċa f’Ħal Safi li hemm bżonn restawr fuqha sabiex jagħtina stima tax-xogħolijiet. Is-SE ikkonferma li l-istima waslet nhar il-Ġimgħa li għadda. Ix-xogħol ta’ restawr jammonta għal total ta’ €900 u huwa maqsum hekk: L-istatwa ta’ San Ġwann f’Triq San Ġorġ kantuniera ma’ Triq il-Ħlantun €50, l-istatwa tal-Kunċizzjoni f’Triq San Pawl €400, l-istatwa ta’ San Pawl f’Triq San Pawl kantuniera ma’ Triq San Franġisk €150, u l-istatwa tal-Madonna f’Triq Santa Marija kantuniera ma’ Triq Dun Ġużepp Caruana €300. Il-Kunsilliera approvaw dawn ix-xogħlijiet.

6. Is-Sindku ikkonferma li l-bank ta’ l-Isqaq Numru 18 issa inqala.

7. Il-Kunsilliera iddiskutew is-sistema informatika li ġiet preżentata fil-laqgħa preċedenti mill-Kumpanija IT Solutions. Jerome Busuttil irrimarka li din s-sistema hija tajba għalkemm ma jħossx li din tapplika għal Kunsill żgħir bħal Ħal Safi. Il-Kunsilliera qalbu li għal issa tiġi sospiża d-deċiżjoni sabiex tinxtara din is-sistema.

8. Is-Sindku kkonferma li l-*bushes* fis-*central strip* f’Triq il-Karwija bdew jinżabru illum.

**Korrispondenza**

9. Il-Kunsill irċieva ittra minn għand il-Water Services Corporation fejn fiha jelenkaw ix-xogħolijiet li saru mill-Korporazzjoni f’Ħal Safi fl-2008 ta’ tħaffir f’toroq fuq servizzi ta’ l-ilma f’din is-sena hekk kif ġie approvat diġa mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ġie mistoqsi jibgħat l-approvazzjoni tiegħu ta’ dawn ix-xogħolijiet sabiex jkunu jistgħu jgħaddu l-flus dovuti lil-Kunsill.

10. Il-Kunsill irċieva ittra minn għand l-HSBC li r-restawratur tan-niċeċ tħallas direttament fuq ix-xogħol li għamel fuq in-niċċa tad-Duluri. Dan jammonta għal €600.

**Follow up ta’ Jum Ħal Safi**

11. Il-Kunsilliera ddiskutew l-andament ta’ Jum Ħal Safi. Eddie Bonello rrimarka l-bord għandu jkun informat b’mod ċar li skond ir-regolamenti ta’ dan is-sotto-kumitat, l-bord jinħatar sabiex jevalwa u jagħmel l-għażla tan-nominat biss u mhux jiddeċiedi fl-andament tal-programm. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma’ dan. Publius Abdilla ssuġġerixxa li s-sena li ġejja, l-Kunsill jinvolvi t-tfal wkoll f’dawn l-attivitajiet. Din tkun xi ħaġa differenti mis-soltu kif wkoll tgħin sabiex nattiraw aktar nies lejn dawn l-attivitajiet.

**Fuljett**

12. Il-Kunsilliera ddiskutew ir-ritratt li ser jitpoġġa fuq il-faċċata tal-fuljett. Is-Sindku ssuġġerixxa li titpoġġa l-mappa ta' kif ser issir it-triq il-ġdida fil-Karwija. Għal dan, is-Sindku ser jitkellem mal-Perit inkarigat mil-proġett sabiex jipprova iġib mappa bil-kulur. Publius Abdilla ssuġġerixxa li fil-fuljett jitpoġġa collage ta' ritratti b'tema ta' *Green Agenda* sabiex nippromovu l-inizjattivi ġodda tal-Kunsill favur l-ambjent. Il-Kunsilliera kkonfermaw li ser jitpoġġa l-profil tar-rebbieħ tal-Premju Onerifiċenza kif wkoll collage ta' ritratti bl-attivitajiet u proġetti li saru matul dawn l-aħħar sitt xhur. Eddie Bonello ssuġġerixxa li l-fuljett jiġi stampat fuq karta ta' 90 gramma filwaqt li l-faċċata issir fuq 115 gramma. Il-Kunsilliera qablu li għal-fuljett li jmiss jintroduċu r-riklami.

13. Francis Callus ippreżenta lis-SE l-messaġġ tiegħu filwaqt li l-kunsilliera l-oħra kkonfermaw li ser jippreparaw il-messaġġ tagħhom sa l-aħħar ta' din il-ġimgħa. Il-Kunsilliera qablu wkoll li javviċċinaw lis-Sur Montebello sabiex jikteb artiklu fuq il-naħal, lis-Sur Paul Callus kif wkoll lil Ninu Busuttil sabiex jikkontribwixxu artiklu ta' 500 kelma fil-fuljett li jmiss. Issemmew ukoll Connie Bonnett sabiex tikteb fuq id-Day Centre u Karmenu Busuttil sabiex jikteb fuq il-bonsai. Hekk l-artiklu jasal tard, dan jiġi ppublikat fil-fuljett li jmiss. Il-fuljett irid jasal għand l-istampatur sa nofs Ġunju sabiex jkun lest u mqassam fid-djar sa nhar it-tnejn 19 ta' Lulju.

**Ħwejjeġ oħra**

14. Fuq talba ta' Eddie Bonello, Jerome Busuttil tkellem fuq l-andament tal-laqgħa li mar flimkien mas-Sindku għand Transport Malta l-ġimgħa li għaddiet rigward it-triq il-ġdida tal-Karwija. Is-Sindku kkonferma li t-triq ser issir wiesa. L-bankini ser ikunu ta' sitt piedi kif wkoll ser jkun hemm żewġ *bus shelters*. Fil-kisra ta' fejn l-għelieqi, it-triq ser tkun ta 16.5 pied sabiex it-trakkijiet jkunu jistgħu iduru komdi.

15. Francis Callus wassal rapport ta' persuna li qalet li f'Triq ta' Rqajja hemm *inspections* tad-dranġġ li tiela riħa tinten minnhom. Jerome Busuttil wieġeb li l-ġimgħa l-oħra diġa kellem lil Waste Water Division tal-Water Services Corporation dwar dan ir-rapport. Huwa ser jerġa jkellem lil persuna inkarigata sabiex tissolva din il-problema kemm jista jkun malajr.

16. Is-SE spjega li l-Kunsilliera li hemm bżonn tinxtara *payroll system*. Il-Kunsilliera qablu li tinxtara din is-sistema u li tinżamm fuq il-kompjuters tal-Kunsill.

17. **Il-Payment Approval** Sheet No. 50 ġiet approvata.

18. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 15 ta' Ġunju, 2010.

19. Il-laqgħa ntemmet fid-9:15pm.

Approvati llum 15/06/2010

Sindku Segretarju Eżekuttiv